


Alfred Caruana

## Il-Marsa fl-1881

Meta Malta bdiet tistabilizza ruħha bħala kolonja Ingliża fl-1814, il-popolazzjoni Ingliża bdiet tiżdied permezz tat-truppi u l-baħrin li kellhom taħt idejhom l-akbar imperu tad-dinja. Ladarba kibret il-popolazzjoni żdied il-bini residenzjali għat-truppi li kienu bbażati hawn Malta. Fosthom insibu l-kwartieri ta' St. Andrew, ta' Pembroke, ta' St. George, ta' Saint Patrick u tal-Floriana f'Belt is-Sebħ, minbarra dak il-bini li sabu lest mibni mill-Kavallieri,



fosthom fortizzi u djar kbar bħal dawk ta' Sant' Anġlu, Sant' Iermu u r-Rikażli. Wara nbnew l-ajrudromi, fosthom dak ta' Ħal Far, li għalihom inbnew kwartieri kbar għar-Royal Air Force.

Issa b'din il-popolazzjoni Ingliża kollha kibru wkoll il-faċilitajiet sanitarji u dawk għas-sigurtà tas-saħħa tagħhom, bħal distillaturi tal-ilma f'Tas-Sliema u l-Marsa taħt Kordin. Ta' min isemmi wkoll li dis-sistema sanitarja taħt il-Kavallieri u ta' qabilhom kienet antikwata peress li l-ammont tal-ilma li jitwassal fid-djar kien ta' spiss skars. F'manuskritti antiki ssib li fil-Belt Valletta kien ikun hemm irwejjaħ xejn pjaċevoli. Barra minn hekk, il-kumplament tal-ibliet u l-irħula kienu jiddisponu minn materjal sanitarju ġewwa fosos qrib id-djar.

Peress li l-popolazzjoni Ingliża kienet ikkonċentrata fiċ-Ċentru u n-Nofsinhar ta' Malta, ingħata bidu għal xogħol li kellu jwassal biex titjieb is-sistema sanitarja. Dan kien jibda mill-Mosta u n-Naxxar u jiġbed lejn Birkirkara, il-Ħamrun, il-

*ikompli f'paġna 118*

Marsa, Raħal Ġdid, Bormla u l-Kalkara, u kif għedna jispiċċa fil-baħar tax-Xgħajra.



Ix-xogħol fl-inħawi tal-Marsa nbeda fl-14 ta' Marzu 1881 fi żmien il-gvernatur ġenerali Sir Arthur Borton kif ukoll taħt is-supretendent tax-xogħlijiet pubbliċi Giuseppe Muscat. Il-kuntrattur kien ċertu Wistin Portelli. Il-proġett kien jibda minn fejn hemm il-bini tal-Yellow Pages u mbagħad jgħaddi minn fuq arkati fuq l-għalqa li kienu jsibuha tar-Roġġ. Hekk kif it-triq terġa' tibda tielgħa, fejn hemm il-banka tal-luttu ta' Triq is-Salib, l-arkati jispiċċaw u jkompli jgħaddi taħt l-art minn quddiem il-knisja parrokkjali.

Hemm it-triq ma kinitx kif nafuha llum għax kienet imħarbta u fuq ix-xellug, sewwa sew wara Villa Violette, inbniet forma ta' ċumnija bħala vent. Minn hemm kien jaqbad in-niżla għal fejn is-salib tal-Marsa.

Skont tagħrif miġbur mill-Arkivju Nazzjonali ta' Santu Spirtu r-Rabat, dawk l-inħawi tas-salib kienu jsibuhom bħala Croce di Marsa fejn insibu wkoll li jissemmew l-għalqa ta' Mnieħru u l-Konzerija. Hu probabbli li f'dawk l-inħawi kien hemm post fejn jikkunzlaw il-ġlud peress li l-biċċerija kienet fil-qrib. Il-konzerija tfisser post fejn jipproċessaw il-ġlud, sewwa sew fejn illum hemm ix-*showrooms* ta' Bezzina. Imbagħad l-arkati kienu jerġgħu jibdew u jaqsmu t-triq u l-wied fejn illum hemm l-Open Centre u fejn qabel kien hemm l-istazzjon tat-tramm. Fuq it-triq u l-wied inbnew żewġ arkati ornamentali, waħda minnhom fuq kolonni maħdumin minn ġebla tal-qawwi. Ta' min jgħid li dawn il-kolonni żżarmaw biex it-traffiku jgħaddi sew għal Triq Aldo Moro. Fuq l-arkata l-oħra ta' fuq il-wied hemm imniżżel l-inizjali tar-Reġina Vittorja (VC) u l-annu. Fejn illum hemm l-imħażen tal-injam ta' Camilleri tissemma wkoll il-Pug Mill li kienet l-ewwel xorta ta' magna tad-dqiq. Żmien wara, fl-istess inħawi, inbnew oħrajn aktar moderni.




Minn wara l-Open Centre, l-arkati kienu jkomplu jgħaddu ġo għalqa fejn

illum hemm il-Marsa Shipbuilding u jispiċċaw taħt it-telgħa ta' Kordin. Ta' min ifakkar li l-għalqa fejn hemm ix-Shipbuilding kienu jsibuha bħala l-Kanal u peress li kienet imwarrba kien isir ħafna logħob tal-azzard.

L-għalqa tar-Roġġ li semmejt iktar qabel minn fejn kienu jgħaddu l-arkati, fix-xitwa kienet tegħreq bl-ilma għax ifur id-drenaġġ u l-ħruġ kollu jmur għal ġo fiha. Niftakar li sid l-għalqa kien joqgħod hemm ġo kamra waħda u meta tinfaqa' bl-ilma kien ikun qisu fuq xi gżira mdawwar bl-ilma. Darba waħda kien għamel maltemp kbir u l-għalqa bħas-soltu nfaqgħet bl-ilma tant li ppenetra taħt l-art u daħal fil-kantina ta' fejn kellu l-inġinerija Ċensu l-Billy Boy. Wara ddeċieda li jitlaq min hemm u jmur fejn is-salib tal-Marsa.

Peress li f'din l-għalqa l-ilma kien idum hemm għal bosta ġimgħat kien jitrabba ħafna nemus li kien ta' inkonvenjent għan-nies tal-madwar. Niftakar kif meta laħaq Patri Feliċjan Bilocca, li laħaq kappillan tal-Marsa fl-1949, kien insista ħafna biex dan l-inkonvenjent jitneħħa darba għal dejjem kif fil-fatt ġara.

Nagħlaq billi nagħti lill-Marsin kollha l-festa t-tajba.

Referenzi: Arkivji Nazzjonali, Santo Spirito, Rabat
*Malta Grand Harbour and its Dockyard*, Michael Cassar & Joseph Bonnici